MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 48/2017/1 LM

**Jason Pace (K.I. 144571M)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Alfred Xerri (K.I. 822455M)**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Jason Pace (K.I. 144571M)** mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), fid-19 ta' Frar, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza

appellata") li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent appellant, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

## Fatti

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti sabiex l-intimat jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500) rappreżentanti l-prezz ta' xogħol u servizzi reżi mir-rikorrent lill-intimat, skont skrittura privata li dawn kienu ffirmaw bejniethom.

## Mertu

3. Mill-provi jirriżulta li r-rikorrent kien ġie avviċinat mill-intimat sabiex jippresta servizzi bħala *middle-man* bejn l-intimat u għadd ta' periti u professjonisti oħra sabiex l-intimat ikun jista' jikseb permess mill-Awtorità tal-Ippjanar fi żmien relattivament qasir.

4. L-intimat wieġeb billi eċċepixxa li t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiż mir-rikorrent mhux dovut. Qal li huwa paċifiku li bejn il-partijiet kien ġie ffirmat ftehim f'Ottubru tal-2012, li permezz tiegħu l-intimat kien inkariga lir-rikorrent sabiex japplikalu mal-Awtorità tal-Ippjanar u jikseb il-permessi relattivi rigward xogħlijiet li kellhom isiru fuq art agrikola proprjetà tal-intimat, li tinsab fl-inħawi ta' Irdum Depiro ġewwa Ħad Dingli. L-intimat qal li dakinhar li ġie konkluż dan il-ftehim, huwa kien ħallas

erbat elef u ħames mitt Euro (€4,500) lir-rikorrent akkont tas-servizzi li dan kien obbliga ruħu li jipprovdi, jiġifieri li jagħmel dak kollu li huwa neċessarju mil-lat amministrattiv u proċedurali sabiex japplika għall-permessi mal-Awtorità tal-Ippjanar, liema żvilupp kien jinvolvi xogħol ta' restawr u rikostruzzjoni ta' ġebel tas-sejjieħ, ir-rikostruzzjoni ta' kamra preeżistenti sabiex isservi bħala *agricultural store,* u l-kostruzzjoni ta' ġiebja fil-proprjetà tar-rikorrent. L-intimat żied jgħid li huwa kien ittermina l-ftehim għall-ħabta ta' Marzu tal-2015 minħabba inadempjenza kontrattwali da parti tar-rikorrent, u dan wara li r-rikorrent wera disinteress u non-kuranza fl-eżekuzzjoni tal-obbligi assunti minnu permezz tal-ftehim li l-partijiet kellhom bejniethom, u l-intimat spiċċa jagħmel parti kbira mix-xogħol hu stess, jew qabbad lil terzi biex jagħmlu dan ix-xogħol huma, kif ukoll sabiex tiġi kompletata l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħruġ tal-permessi neċessarji. L-intimat qal li ftit wara li l-partijiet ikkonkludew il-ftehim bejniethom, ir-rikorrent ma bediex jikkoopera miegħu, u għad li l-intimat kien jipprova jagħmel kuntatt mar-rikorrent sabiex jara l-applikazzjoni għall-permessi mal-Awtorità tal-Ippjanar fiex kienet waslet, ir-rikorrent qajla kien jirrispondi. L-intimat żied jgħid li dan wassal biex kien hemm dewmien esaġerat sabiex jinħarġu l-permessi relattivi, li nħarġu f'Ġunju tal-2016, jiġifieri erba' snin wara l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet. Kompla jgħid li kieku r-rikorrent wettaq l-obbligi tiegħu skont l-iskrittura privata tal-2012, dan kien ikollu dritt biss li jirċievi ħlas tal-bilanċ rimanenti, jiġifieri d-differenza bejn id-depożitu li tħallas mill-intimat u l-prezz miftiehem bejn il-partijiet ta' €11,500, u għalhekk li kieku r-rikorrent qeda l-inkarigu fdat lilu kif miftiehem bejn il-partijiet, il-bilanċ tal-prezz li għad irid jitħallas mill-intimat huwa ta' €7,000. L-

intimat qal li lanqas dan l-ammont mhu dovut minnu għaliex kien hu li spiċċa jagħmel il-parti l-kbira tax-xogħlijiet miftiehma bejn il-partijiet. Qal ukoll li fi kwalunkwe każ, anki li kieku r-rikorrent għamel ix-xogħol kollu kif miftiehem bejn il-partijiet, dan xorta waħda m'għandux jedd għall-ħlas tal-ammont komplessiv ta' sebat elef Euro (€7,000), għaliex il-permessi relattivi ħarġu diversi xhur wara li kien ġie tterminat il-ftehim. L-intimat eċċepixxa wkoll li huwa qatt ma rċieva xi forma ta' *request for payment* mingħand ir-rikorrent, jew inkella xi forma ta' fattura sabiex jissostanzja l-ammont pretiż minnu u jagħti rendikont tas-servizzi pprovduti minnu. L-intimat ikkonkluda billi qal li r-rikorrent għad irid iġib prova tas-servizzi li allegatament ta lill-intimat.

5. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrent **Jason Pace** spjega li huwa jagħmel xogħol bħala konsulent fil-qasam tal-*planning,* fejn klijenti jikkomunikaw miegħu sabiex jagħmillhom kuntatt ma' avukati jew periti li jkunu intiżi dwar il-liġijiet tal-ippjanar. Qal li l-intimat kellu kamra mingħajr permess f'żona li taqa' barra mil-limiti tal-iżvilupp, u ried jagħmel ġiebja f'sit viċin l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli, u kien għalhekk li dan avviċina lir-rikorrent. Ir-rikorrent spjega li huwa mar fuq is-sit diversi drabi flimkien mal-intimat u ma' *draughtsman,* sabiex jieħdu l-kejl neċessarju u wara avviċinaw lill-perit li kellu jieħu ħsieb jaħdem fuq il-proċess tar-regolarizzazzjoni tas-sit tal-intimat. Ir-rikorrent qal li saret l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, wara li l-intimat kien ħallas depożitu ta' €4,500 u żied jgħid li skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, l-intimat wara kellu jħallas €11,500. Kompla jispjega li l-intimat ma kienx ser ikollu x'jaqsam ma' spejjeż oħra għajr għal dak li kellu jagħti lilu. Ir-rikorrent kompla jgħid li meta saret l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-

Ippjanar, il-permess ma ħariġx mill-ewwel, u għalhekk kien sar appell minn dan ir-rifjut. Qal li l-intimat inżamm infurmat b'kull stadju li kienu waslu fih il-proċeduri. Kompla jgħid li meta eventwalment ħareġ il-permess, l-intimat beda jġib ħafna skużi biex iħallsu, u fost affarijiet oħra qal li r-rikorrent ma kien għamel xejn biex ħareġ il-permess. Ir-rikorrent qal li darba minnhom l-intimat kien qallu li ried iwaqqfu mill-inkarigu mogħti lilu, għalkemm wera l-intenzjoni li jkompli jaħdem bl-istess perit u avukat inkarigati mir-rikorrent. Ir-rikorrent qal li l-perit u l-avukat inkarigati minnu kien ħallashom hu.

6. Fil-kontroeżami r-rikorrent qal li l-prezz miftiehem mal-intimat kien ta' €11,500 b'kollox, u kkonferma li wara li rċieva depożitu ta' €4,500, l-intimat kien għad baqagħlu bilanċ ta' €7,000 x'iħallsu. Waqt il-kontroeżami, ir-rikorrent qal li l-intimat lilu qatt ma talbu jieqaf mill-inkarigu li kien tah, għaliex meta talbu jieqaf, ir-rikorrent kien informa lill-intimat li kien ser jirtira l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, imma l-intimat kien qal li ried ikompli għaddej bl-istess applikazzjoni. Qal li l-intimat lilu ma ridux jieqaf mix-xogħol, imma riedu biss joħroġ mix-xena.

7. L-intimat **Alfred Xerri** waqt id-depożizzjoni tiegħu qal li l-ftehim li kellu mar-rikorrent kien li l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar kellu jinħareġ fi żmien xahrejn. Qal li l-ftehim kien wieħed verbali u huwa kien qabel li jħallas €11,500 lir-rikorrent tax-xogħol li kellu jagħmel. L-intimat qal li minkejja l-wegħda li kien għamillu r-rikorrent li l-permess seta' joħroġ fi żmien xahrejn, meta hu għamel il-verifiki tiegħu kien sab li l-proċess biex jinħareġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar idum sentejn. L-intimat qal li huwa kien beda jirranġa ħajt tas-sejjieħ

fil-proprjetà tiegħu li kien waqa', imma kien twaqqaf milli jagħmel dan mill-Awtorità tal-Ippjanar. L-intimat qal li huwa ried iwaqqaf l-inkarigu li kien ta lir-rikorrent meta kien hemm xi persuni li qalulu li kien hemm nies li ħallsu l-flus lir-rikorrent u baqgħu ma ħadux is-servizz mingħandu. Qal li dak iż-żmien li pprova jittermina l-inkarigu tar-rikorrent, il-permess kien għadu ferm 'il bogħod milli joħroġ. L-intimat qal li huwa kien ġie infurmat mill-perit tiegħu li kien hemm bżonn li jiġu ppreżentati pjanti ġodda sabiex il-permess seta' jkompli jiġi pproċessat. Qal ukoll li r-rikorrent naqas milli jagħmel ix-xogħol relatat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Spjega li l-€4,500 huwa kien tahom lir-rikorrent qabel kien sar il-ftehim bil-kitba bejniethom, imma l-ftehim bil-miktub sar dakinhar stess li l-partijiet kienu ftiehmu verbalment dwar dak li kellu jsir, għaliex r-rikorrent kien ġie bl-iskrittura lesta. L-intimat qal li fl-iskrittura mkien m'hemm miktub li r-rikorrent kellu jiksiblu l-permess fi żmien xahrejn. L-intimat ikkonferma li l-permess eventwalment kien ħareġ, u qal li minkejja li huwa kien ħallas €4,500 lir-rikorrent, dan baqa' ma tahx irċevuta għal dan il-ħlas. L-intimat qal li min-naħa tiegħu huwa qatt ma talab lir-rikorrent jagħtih irċevuta għal dan il-ħlas. Qal ukoll li wara li ħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, ir-rikorrent kien reġa' avviċinah u talbu l-flus.

8. **Il-Perit Daniel Grima** xehed li huwa kien sar jaf lill-intimat meta laqqgħu miegħu r-rikorrent. Spjega li meta r-rikorrent fehmu x-xogħol li kien jeħtieġ l-intimat x'kien jinvolvi, huwa mill-ewwel kien irrimarka li din kienet biċċa xogħol diffiċli. Qal ukoll li fir-rigward ta' din il-biċċa xogħol, huwa kien jieħu l-istruzzjonijiet mingħand ir-rikorrent, u meta hu ma baqax jaħdem fl-uffiċċju tar-rikorrent, huwa kien informa b'dan lill-intimat. Qal li dakinhar l-intimat kien

wieġbu li huwa xorta waħda ried li jibqa' jaħdem bih, u għalhekk ix-xhud kien qallu biex iħallas il-kontijiet pendenti li kellu mar-rikorrent sabiex ma jkunx hemm problemi fil-futur.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Frar, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet dwar din il-vertenza billi ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi fil-qosor l-eċċezzjonijiet tal-intimat li jinkorporaw fihom espożizzjoni tal-fatti mertu tal-kawża huma bbażati fuq erba' binarji (i) li ebda flus ma huma dovuti minħabba inadempjenza kontrattwali tar-rikorrent; (ii) it-terminazzjoni unilaterali tal-ftehim min-naħa tal-intimat f'Marzu tas-sena 2015, il-permessi eventwalment ħarġu fix-xahar ta' Ġunju 2016; (iii) mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimat kien ħallas depożitu ta' €4,500 mis-somma ta' €11,500 miftiehma bejn il-partijiet u għalhekk fl-agħar ipoteżi hija dovuta s-somma ta' €7,000 u mhux €11,500; (iv) l-eċċipjent qatt ma rċieva talba formali għall-ħlas.*
>
> *Illi fil-mertu l-partijiet kienu ffirmaw skrittura ta' ftehim bejniethom f'Ottubru 2012. Dan il-ftehim miktub bl-idejn u esebit a fol. 2 mal-avviż tat-talba jgħid hekk:*
>
> *"Jiena Jason Pace (ID 144571M) han nagħmel xogħlik Ta' pjanti u permessi Sa Biex ingibb il-Hittan tal sejjieħ u kamra legali u gibbja li Tkun fil-propeta' Alfred Xerri, issa Alfred Xerri haj tighni Depositu 4500€. Meta ix-xolijiet u il-permessi ikunu lesti kollha Alfred Xerri jihalas il-kumplament ta' €11,500. Issa jekk xaxga tmur hazina jiena u Jason Pace nati il-flus lura. Dipositu."*
>
> *Illi r-rikorrenti Jason Pace iddeskriva r-rwol tiegħu bħala* 'middle-man' *bejn il-klijenti, f'dan il-każ Alfred Xerri u avukati/periti dwar permessi tal-*planning. *Għalkemm fix-xhieda tiegħu jiddeskrivi ruħu ukoll bħala 'speċi ta'* consultant' *effettivament dan ma huwiex minnu għaliex huwa personalment ma joffri u ma offra ebda servizz professjonali u speċjalizzat imma, tal-anqas fid-dehra, offra biss servizz ta' go-*

*between bejn il-klijent u professjonisti intiżi fil-proċess għall-ottjeniment tal-permess tal-ippjanar mill-awtoritajiet kompetenti.*

*Illi kostatazzjoni tar-rwol tar-rikorrent huwa importanti fl-eżami tal-materja sabiex jiġi stabbilit taħt liema ordinament ġuridiku s-servizz li joffri r-rikorrent jaqa'. Il-Qorti tikkunsidra li s-servizz allegatament offrut mir-rikorrent huwa wieħed ta' kiri ta' xogħol li jaqa' taħt l-artikolu 1623 tal-Kap. 16 li jgħid hekk:*

> *"1623. Il-kiri ta' xogħol u ta' industrija hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħmel xi ħaġa għall-parti l-oħra, bi ħlas li din tintrabat li tagħtiha."*

*Illi fix-xhieda tiegħu r-rikorrent jiddeskrivi x-xogħol li jagħmel bħala li jikkonsisti f'koordinament ma'* draughtsman on site*, konsultazzjoni mal-perit, applikazzjoni mal-MEPA (il-ħlas tal-MEPA tħallsu direttament mill-intimat) u ingaġġar ta' avukati għan-nom tal-klijent.*

*Illi mix-xhieda joħroġ li r-rikorrent ingaġġa* draughtsman*, perit u avukati sabiex jassistuh fil-proċess tal-applikazzjoni tal-permess mal-MEPA jew inkella laqqagħhom mal-intimat. Jirriżulta ukoll illi fix-xahar ta' Marzu 2015 l-intimat temm unilateralment is-servizzi tar-rikorrent. Il-permess eventwalment ħareġ u dan wara li ġew sottomessi pjanti u kien hemm ukoll proċess tal-appell.*

*Illi r-rikorrent stqarr li ltaqa' mal-intimat fl-uffiċċju tiegħu, fil-preżenza tal-*partner *tiegħu Joe Lebron u li "Ħadt is-site; mort bi* draughtsman*, kejjilna diversi drabi, mhux darba, naħseb xi sitt darbiet għax naqra mtarraġ hemmhekk; xi sitta jew seba' darbiet morna (omissis). Id-*draughtsman *kien Liston Bongailas." "Kejjilna kollox, għamilna l-pjanti; morna għand il-Perit Daniel Grima għandu l-uffiċċju San Pawl u bdejna l-proċess ... (omissis) applikajna l-MEPA, ħallas il-*contribution *Alfred sewwa?, u bdejna l-proċess. Il-dik ma ħarġitx mal-ewwel stage ...".*

*Illi fix-xhieda tiegħu l-intimat Alfred Xerri qal kif ġej fir-rigward tal-ingaġġar tar-rikorrent Jason Pace:*

*"Il-Qorti: Il-Perit tiegħek min hu?*

*Ix-Xhud: Joseph Saliba. Dan kien beda l-proċess, għax hu li ġara, jekk forsi nista' nispjega, dan kont qed nirranġa ħitan tas-sejjieħ, ġew tal-MEPA u waqqfuni. Hemmhekk fejn qaluli, isma', trid tapplika għal permess u l-proċess ħa jieħu xi sentejn. Hemmhekk fejn kelli laqgħa magħhom, il-MEPA stess u hekk ġara dan.*

*Il-Qorti: U Jason Pace kif daħal?*

*Ix-Xhud: Dan Jason Pace, dan kelli wieħed qed jaħdimli hemmhekk, ġol-ħitan tas-sejjieħ, u kien hemm wieħed Paul Zahra ... ehe Zahra, u qalli isma' qalli, kellem lil Ċensu, xi ħadd li joqgħod ħdejh, bennej, qalli għax għandu wieħed* ***qed jirranġalu kollox (sottolinear u enfasi miżjud)****. Qalli dan jirranġalu fi żmien qasir. U emmint dawn l-affarijiet jiena hu ... u ċempiltlu lil dan Jason, jien ċempiltlu. Meta rajt li mhu għaddej xejn, li mhu veru xejn u anke Paul Zahra avżani u qalli oqgħod attent għax dak li semmejtlek qed jigdimhom. Minn dak il-ħin stess bagħattlu messaġġ għidtlu isma', ejja ngħalqu x'għamilt sal-lum u niskwerjaw kollox u ngħalqu.*

*Dr Matthew Cutajar: Meta kien dan Sur Xerri? Meta kien li inti għidt lis-Sur Jason Pace illi xtaqt twaqqaf ir-relazzjoni li kellkom bejnietkom fir-rigward tal-permessi?*

*Ix-xhud: Id-data ma niftakarhiex imma mill-emails u l-messaġġi ...*

*Dr Matthew Cutajar: Bejn wieħed u ieħor? Jekk tista' ...*

*Ix-xhud: M'għandix idea. Ħa nkun qiegħed ...*

*Dr Matthew Cutajar: Liema sena? Jew kemm wara li kontu ftiehemtu abbażi ta' din?*

*Ix-xhud: Naf li qabel l-elezzjoni, mhux li għaddiet ta' qabilha.*

*Il-Qorti: 2008?*

*Ix-xhud: Għax meta saret l-elezzjoni ...*

*Il-Qorti: Le 2013.*

*Dr Matthew Cutajar: 2013 iva.*

*Ix-Xhud: Meta saret l-elezzjoni, peress li jiena ġo moħħi mmaġinajt* ***li dan l-irranġar (sottolinear u enfasi miżjuda)*** *kellu xi konnessjoni mal-politika, għidtlu issa nbidel il-Gvern, x'se nagħmlu? Qalli issa aħjar anzi. Iġifieri għalhekk qed ngħid li jista' jkun li qabel dik l-elezzjoni. U għadni niftakar il-kliem eżatt, qalli issa aħjar,* ***iktar nirranġaw malajr (sottolinear u enfasi miżjud)****. Però kont inċempillu ħafna drabi iġifieri, ma kienx ikellimni, ma kienx jirrispondini, u imbagħad forsi kien jirrispondini xi messaġġ iġifieri servizz zero.*

*Il-Qorti: Iġifieri ħa tifhem il-Qorti, iġifieri dana Jason Pace, dan tqabbad biex jirranġalek biex joħroġ il-permess?*

*Ix-xhud: Hekk fhimt jiena ehe.*
*Dr Matthew Cutajar: Meta tgħid li tqabbad biex jirranġalek biex joħroġ il-permess, biex jagħmillek xi xogħol amministrattiv? Biex tifhem aħjar il-Qorti.*

*Ix-Xhud:* ***<u>Propja biex joħroġli l-permess minn xi ħbieb, jiena fhimt minn xi ħbieb, minn xi 'l hawn, minn xi 'l hemm joħroġli l-permess. Li llum tgħallimt li dawn l-affarijiet ma jsirux (sottolinear u enfasi miżjud)</u>****. Imma dak il-ħin hekk ħsibt. Forsi kont daqsxejn għama."*

*Illi l-intimat xehed ukoll kif ġej:*

*"Il-Qorti: Dan kien ftehim bil-miktub, intom kontu ġia għamiltuh verbali qabel? Iġifieri kontu ftiehemtu bil-kliem?*

*Ix-xhud: Qalli verbalment u naħseb anke waqt li qed niffirmaw il-ftehim, li fi żmien xahrejn se jġibli l-permess."*

*Illi mill-provi li ħarġu matul il-kors tal-kawża, għalkemm jidher illi r-rikorrent verament aġixxa ta'* middleman *u laqqa' lill-intimat mal-professjonisti imsemmija, ma ħarġu l-ebda provi konkreti illi r-rikorrent ħallas l-ispejjeż ta' dawn il-professjonisti. Lanqas ma jidher illi r-rikorrent kien b'xi mod involut (għajr b'mod superfiċjali fil-fażi inizjali) sabiex ġie effettivament ottjenut il-permess tal-ippjanar in kwistjoni. Ma tressqux provi li jistgħu b'xi mod jiġġustifikaw li s-servizzi, jekk kien hemm, li ġew prestiti, kellhom valur imqar viċin is-somma msemmija fil-ftehim. Skont ir-rikorrent, il-prezz miftiehem kellu jkun kemm għas-servizzi tiegħu u kif ukoll għall-ispejjeż tal-professjonisti (għajr għall-*contribution fee *tal-MEPA li l-intimat kellu u fil-fatt ħallas hu). Madanakollu m'hemmx l-iċken prova fil-proċess illi saru tali ħlasijiet mir-rikorrent. Anzi, ġew esebiti irċevuti li juru li jekk sar xi ħlas, dan sar min-naħa tal-intimat. Inoltre r-rikorrent naqas milli jagħti rendikont dettaljat jew dokumentazzjoni dwar l-ispejjeż li huwa allegatament għamel u dan minkejja li kellu kull opportunità li jagħmel dan kemm qabel din il-kawża kif ukoll waqt dawn il-proċeduri.*

*Illi dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi mingħajr ebda dubju illi l-*causa *vera tal-ftehim bejn il-partijiet kienet waħda illeċita u ċioe illi r-rikorrent tramite l-kuntatti tiegħu kellu "jirranġa" sabiex jiġi akkwistat il-permess tal-iżvilupp meħtieġ mill-intimat f'qasir żmien. Bħala tali l-ftehim ma jista' qatt jiġi infurzat minn kwalunkwe Qorti.*

*Illi l-Art. 987 u l-Art. 990 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponu kif ġej:*

*"987. L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha l-ebda effett.*
*990. Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku."*

*Illi kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet:* ***George Bonnici et vs Silvio Naudi*** *(Rif. Nru. 604/1996/2PS, deċiża 31 ta' Mejju 2006):*

*"Jibda biex jiġi osservat illi kif inhu paċifiku l-kawża illeċita hi materja kuntrarja għall-ordni pubbliku għax ipprojbita mil-liġi u għalhekk ma tiswiex. Dan allura jagħmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha:* vitiatur et vitiat. *Ara Artikolu 1054, Kodiċi Ċivili; Kollez. Vol. XLIII P.II p. 646 ..."*

*Illi kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Angelo Spiteri pro et noe vs Andrew Cilia et*** *(ECLI:MT:ACIV:2016:99570, deċiża 11 ta' Marzu 2016):*

*"Dan l-aġir kjarament jikkostitwixxi kawża illeċita li hija definita permezz tal-Artikolu 900 tal-Kodiċi Ċivili, li jfisser li kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi, jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku. Dan il-prinċipju ta' kawża illeċita wkoll kien trattat diversi drabi minn din il-Qorti, fosthom fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 1999, fl-ismijiet Julia Borg et vs Carmel Brignone fejn ingħad is-segwenti: "Ġie anzi kostantament ritenut illi f'dawn iċ-ċirkostanzi n-nullità tal-obbligazzjoni* ***setgħet tiġi sollevata mill-istess Qorti* ex officio** *(sottolinear u enfasi miżjuda). "Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula fuq kawża illeċita u l-kawża hija illeċita meta hija projbita mil-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku. U konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess ġenerali. Il-kwistjoni tal-legalità jew le tal-konvenzjoni minħabba kawża illeċita tista' tiġi sollevata* ex officio.*" (Vol. XLID.p.684 deċiża minn din il-Qorti fl-ismijiet Charles Pace et vs Philip Agius et) "Illi* 'rebus sic stantibus' *kif loġikament jikkonkludi Pacifici Mazzoni:-* "Il giudice non può accogliere la domanda diretta ad ottenere l'adempimento di una convenzione fondata sopra causa illecita, o che abbia un oggetto turpe o contrario alla legge, benché il debitore non apponga eccezione di sorta" (Istituzioni, Vol. II para. 167) *u għalhekk il-Qorti tħoss li għandha tissolleva* 'ex officio' *in-nullità tal-kondizzjoni fuq miġjuba u magħha n-nullità tal-konvenzjoni relattiva". (Vol. XLIIIC.ii.646):. Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Jannar, 2010 fl-ismijiet Arthur Briffa et vs Carmelo Farrugia et, fejn ingħad: "L-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li fil-kuntratt imsemmi kien hemm kawża illeċita, u konformement laqgħet din l-eċċezzjoni billi osservat li "La darba l-konvenju sar biex jitħallas b'*datio in solutum *dejn ġej minn kawża illeċita, il-konvenju wkoll huwa milqut b'dik il-kawża illeċita, u t-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni, maħsuba biex jitwettaq konvenju, għalhekk ma jistgħux jintlaqgħu." It-talbiet attriċi konsegwentement ġew miċħuda."*

> *Illi għalhekk f'dan il-każ ma jistax ir-rikorrent jiġi quddiem il-Qorti u jittanta jirkupra l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi li allegatament saru minnu meta dawn mhux biss kienu jikkontemplaw aġir illegali iżda per di più anqas biss inġiebet prova sodisfaċenti tagħhom fil-kors ta' din il-kawża.*
>
> ***Decide***
>
> ***Il-Qorti qiegħda għalhekk tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih."***

## L-Appell

9. Permezz tar-rikors tal-appell intavolat fid-9 ta' Marzu, 2020, l-appellant talab lil din il-Qorti,

> *"... jogħġobha* ***tħassar, tirrevoka u tikkanċella*** *s-sentenza fl-ismijiet premessi, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u* ***filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat konvenut tilqa' t-talba tal-appellant attur kif dedotta minnu fir-rikors promutur u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat konvenut."***

10. Ir-rikorrent appellant jgħid li huwa ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex fil-fehma tiegħu din naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fil-mertu meta ċaħdet it-talba tiegħu. Jgħid li minkejja li bħala regola ġenerali, din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid jew tiddisturba l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, dan jista' jsir f'każ li jkun hemm raġunijiet serji biżżejjed għal dan, għaliex jekk ma jsirx dan tkun ser issir inġustizzja mal-partijiet. Żied jgħid li f'dan il-każ, fil-fehma tiegħu jeżistu raġunijiet serji biżżejjed għalfejn din il-Qorti għandha tiddistruba l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-

provi proċesswali li għamlet l-Ewwel Qorti. Kompla jgħid li meta Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, u fejn ikun hemm provi konfliġġenti, il-ġurisprudenza tgħallem li l-Qorti trid timxi fuq il-kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u tal-verosimiljanza tax-xhieda f'dawn iċ-ċirkostanzi. Qal li filwaqt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-kuntratt bejn il-partijiet huwa bbażat fuq kawża illeċita, fl-istess ħin il-Qrati jisħqu li l-kuntratt huwa l-liġi bejn il-kontraenti li ffirmaw il-kuntratt, u dak li l-partijiet jiftiehmu dwaru fil-kuntratt huwa espressjoni tar-rieda tagħhom. Żied jgħid li meta ftehim isir kif trid il-liġi, kemm għal dik li hija sustanza kif ukoll għal dik li hija forma, dak il-ftehim isir liġi bejn il-partijiet, u meta l-ftehim isir kif trid il-liġi, dan jista' jinbidel biss bi ftehim ieħor bejn il-partijiet. L-appellant jgħid li skont l-artikolu 993 tal-Kap. 16, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti b'bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Qal ukoll li fejn il-kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens skont l-użu fil-kuntratt huwa ċar, ma hemm l-ebda lok għal interpretazzjoni ulterjuri mill-Qrati. L-appellant żied jgħid li l-ġurisprudenza tagħna tispjega li fejn il-volontà tal-kontraenti hija liberament espressa, mhux leċitu għall-Qorti li tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha motivazzjoni ulterjuri li la tirriżulta mid-diċitura tal-ftehim u lanqas minn ċirkostanzi oħra. Żied jgħid li fejn is-sinifikat tal-konvenzjoni jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim u l-fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volontà tal-kontraenti, ma jkunx leċitu għall-ġudikant li jagħti lil dik l-iskrittura sinifikat divers minn dak liberament espress mill-kontraenti. L-appellant jagħmel riferiment ukoll għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 987 u 990, iċċitati

mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, u jsemmi deċiżjonijiet tal-Qorti fejn jintqal illi d-duttrina tiddistingwi bejn każ fejn l-illegalità jew l-immoralità hija unilaterali, u fejn hija bilaterali. Qal li f'dan il-każ l-appellant iddeskriva r-rwol tiegħu bħala dak ta' '*middle-man*' bejn il-klijent, f'dan il-każ l-appellat, u l-avukati/periti inkarigati mill-appellant għall-proċess tal-ottjeniment tal-permess tal-ippjanar f'isem l-appellat. L-appellant qal li fix-xhieda tiegħu huwa rrefera għalih innifsu bħala 'konsulent' li xogħlu kien li joffri servizz professjonali speċjalizzat, jiġifieri li jkun *go-between* bejn il-klijent u l-professjonisti intiżi fil-proċess għall-kisba tal-permess tal-ippjanar mill-awtoritajiet kompetenti. L-appellant kompla jgħid li mill-provi jirriżulta li huwa verament aġixxa bħala *middle-man,* u laqqa' lill-appellat mal-professjonisti msemmija, tant hu hekk li l-permessi relattivi ħarġu. L-appellant qal li minn dan jirriżulta li huwa kien involut sabiex ġie miksub il-permess tal-ippjanar inkwistjoni, u l-prezz miftiehem bejn il-partijiet kien kemm għas-servizzi tiegħu kif ukoll għall-ħlas tal-professjonisti mqabbda minnu. L-appellant insista li minn dan jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li m'hemm l-ebda kawża illeċita bejn il-partijiet, u kuntrarjament għall-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti, jirriżulta li l-appellant irrenda servizzi lill-appellat sabiex setgħu jinħarġu l-permessi relattivi. L-appellant ikkonkluda billi qal li anki f'każ li jirriżulta li kien hemm kawża illeċita, din kienet magħrufa għaż-żewġ partijiet, u t-tnejn li huma kienu parteċipi għall-iskrittura privata, u għalhekk l-appellat m'għandux jibbenefika minn tali kawża illeċita billi jibqa' ma jħallasx dak dovut minnu lill-appellant.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li l-aggravji mressqa mill-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud għad-diversi raġunijiet spjegati minnu. Qal li prinċipju bażilari fil-liġi proċedurali tagħna huwa li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah, u huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Qal ukoll li l-Qorti trid tkun moralment konvinta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tiegħu. L-appellat qal li f'dan ir-rigward, l-appellant ma ġab l-ebda prova sodisfaċenti sabiex isaħħaħ l-allegazzjoni tiegħu li pprovda s-servizzi li qiegħed jippretendi ħlas tagħhom, u qal li l-unika prova mressqa mill-appellant kienet ix-xhieda tiegħu stess mogħtija kemm fl-eżami u fil-kontroeżami. L-appellat qal li minkejja li l-appellant kien qal li kien ser jippreżenta lid-*draughtsman* bħala xhud, dan ma ttellax sabiex jagħti d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, u minkejja li l-appellant kien wiegħed li ser jippreżenta kopji tal-irċevuti ta' ħlasijiet li allegatament għamel lill-periti u avukati maħtura minnu, huwa baqa' m'għamilx dan. L-appellat qal li minkejja li ngħata diversi opportunitajiet sabiex iressaq tali provi, l-appellant baqa' ma ressaqx provi sabiex jikkonvinċi lill-Qorti li dawn is-servizzi verament ġew reżi minnu.

12. L-appellat kompla jgħid li kuntrarjament għal dak li m'għamilx l-appellant, huwa ressaq diversi provi li juru li l-ebda ammont mhuwa dovut minnu lill-appellant, għaliex dan ma wettaqx l-obbligi kontrattwali assunti minnu. L-appellat għamel riferiment għax-xhieda tal-Perit Daniel Grima, li qal li minn meta ġiet itterminata r-relazzjoni bejn il-partijiet wara f'Marzu tal-2015, is-

seduti kollha tal-ippjanar kien jattendi għalihom il-perit waħdu, u xi drabi kien jattendi għalihom ukoll il-konsulent legali tal-appellat. Il-Perit Grima kkonferma wkoll li l-appellant qatt ma attenda għal dawn is-seduti. L-appellat għamel riferiment għall-korrispondenza ppreżentata minnu, u qal li minn hawn jidher ċar li dak ix-xogħol li suppost kien qiegħed jieħu ħsiebu l-appellant, fil-verità kien qiegħed isir minnu, inkluż il-koordinazzjoni tax-xogħol b'rabta mat-tħejjija ta' *site plans* u *method statements,* il-korrispondenza mal-perit u mal-avukat inkarigati biex jieħdu ħsieb ix-xogħol, u xogħol ulterjuri. L-appellat qal ukoll li minkejja li rriżulta ppruvat li r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ġiet itterminata f'Marzu tal-2015, mill-provi jirriżulta li l-permess relattiv inħareġ f'Ġunju 2016, u għalhekk l-appellant ma jistax jinsisti li l-permess kien riżultat tas-servizzi allegatament reżi minnu.

13. L-appellat qal li anki f'każ li din il-Qorti kellha ssib li hemm xi ammont dovut minnu skont l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet, jekk ipotetikament hemm xi ammont dovut skont l-iskrittura privata, l-appellat irid iħallas biss il-bilanċ rimanenti skont l-istess skrittura, jiġifieri d-differenza bejn id-depożitu ta' €4,500 li kien diġà tħallas lill-appellant u l-€11,500 maqbula fl-iskrittura privata, li jwasslu għall-bilanċ ta' €7,000, għaliex il-ftehim bejn il-partijiet jistipula b'mod ċar li meta x-xogħlijiet u l-permessi jkunu kollha lesti, Alfred Xerri jħallas il-kumplament, iġifieri s-€7,000. L-appellat qal li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li wara li huwa ħallas id-depożitu ta' €4,500, kien jifdal bilanċ ta' €7,000 x'jitħallas lill-appellant. L-appellat qal li jekk wieħed kellu jagħrbel din il-kwistjoni b'mod oġġettiv, jasal ukoll għall-konklużjoni li fl-isfond tal-fatti inkontrovertibbli u quddiem in-natura ambigwa tas-servizz li kellu joffri l-

appellant, huwa ferm aktar verosimili li s-somma li kien fadal biex titħallas mill-appellat kienet €7,000 u mhux €11,500, kif qiegħed jippretendi l-appellant.

14. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti kienet ċara meta kkonkludiet li l-*causa* vera tal-ftehim bejn il-partijiet, mingħajr ebda dubju kienet waħda illeċita, u l-ġurisprudenza tagħna hija kostanti fis-sens li tiddeskrivia *causa* bħala waħda illeċita meta din tikkontempla sitwazzjonijiet projbiti mil-liġi jew kuntrarji għall-ordni pubbliku. Quddiem l-argument tal-appellant li anke li kieku kienet teżisti *causa* illeċita, l-appellat m'għandux jitħalla jibbenefika minn dan l-istat ta' fatt billi jiġi eżonerat mill-obbligu ta' ħlas, l-appellat jgħid li dan l-argument mhux biss huwa wieħed assurd, imma huwa wkoll nieqes minn kull forma ta' loġika legali. L-appellat qal li huwa minn ewl id-dinja li wieħed ma jistax jippretendi ħlas, bil-barka tal-liġi, għal obbligu illeċitu li seta' wiegħed u/jew wettaq fuq inkarigu ta' terz. L-appellat qal li huwa kiseb il-permessi tal-ippjanar relattivi b'mod legali permezz tas-solitu proċess tal-ippjanar u bl-għajnuna ta' professjonisti inkarigati minnu. Qal li l-permess ħareġ erba' snin wara l-ftehim pattwit bejn il-partijiet, u l-appellat m'għamel l-ebda gwadann mill-ftehim li huwa kellu mal-appellant, għaliex li kieku kellu jiggwadanja, huwa kien jikseb il-permess fi żmien xahrejn kif ġie mwiegħed, u mhux wara tant snin.

15. L-appellat qal li l-appell intavolat mill-appellant kien wieħed frivolu u vessatorju, għaliex l-appellant proċeduralment naqas milli jagħmel l-almu tiegħu biex jikkonvinċi lill-Ewwel Qorti li huwa għandu raġuni fil-pretensjonijiet tiegħu, fosthom għaliex naqas milli jressaq il-provi li wiegħed li ser iressaq; billi naqas milli jagħmel trattazzjoni finali tal-appell li intavola huwa stess; il-*causa*

tal-kuntratt kienet waħda illeċita kif ukoll ir-rikors tal-appell tal-appellant kien wieħed infeliċi għall-aħħar. In vista ta' dan, l-appellat qal li l-appellant għandu jiġi kkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż ta' dan l-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, fid-dawl tar-risposta tal-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

*L-aggravju prinċipali:* *nuqqas ta' apprezzament korrett tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fil-mertu*

16. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-provi prodotti quddiemha mill-partijiet, meta kkonkludiet li t-talbiet tiegħu m'għandhomx jiġu akkolti, kif ukoll naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-liġi applikabbli fil-mertu. Jirriżulta li l-appellant ħass ruħu aggravat l-aktar bil-parti tad-deċiżjoni li kkonkludiet li l-ftehim bejn il-partijiet kien imsawwar fuq *causa* illeċita u għalhekk il-ftehim bejn il-partijiet ma setax jiġi infurzat mill-Qrati in vista tad-difett f'wieħed mill-elementi essenzjali biex ftehim jista' jitqies li għandu rabta kontrattwali bejn il-partijiet. L-appellant argumenta li kuntratt għandu l-forza ta' liġi bejn il-partijiet li jiffirmawh, u li f'dan il-każ iż-żewġ partijiet għall-ftehim kienu jafu għal xiex kienu qegħdin jiffirmaw meta qablu li l-appellant għandu jingħata l-inkarigu li ngħata mill-

appellat. B''inkarigu', il-partijiet riedu jfissru li l-appellat kien lest li jħallas sabiex l-appellant jagħmel użu mill-kuntatti u ħbiberiji li kien magħruf li għandu sabiex jikseb permess mill-Awtorità tal-Ippjanar fi żmien relattivament qasir. L-appellant qal li s-servizz li huwa joffri huwa wieħed fejn iqabbad nies professjonali ma' persuni li jkunu jeħtieġu xi servizz mill-Awtorità tal-Ippjanar, iżda ċaħad li f'dan il-każ huwa wiegħed lill-appellat li l-permess seta' jinħareġ fi żmien xahrejn.

17. Il-Qorti qieset il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, minn fejn jirriżulta li l-partijiet kienu għamlu skrittura privata bejniethom li permezz tagħha l-appellant kellu joffri servizz ta' *middle-man* bejn l-appellat u *draughtsmen,* periti u avukati inkarigati minnu, sabiex jgħin lill-appellat jikseb permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Skont din l-iskrittura, il-ħlas maqbul bejn il-partijiet għall-għoti ta' dan is-servizz kellu jkun ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500), li minnhom l-appellat ħallas lill-appellant erbat elef u ħames mitt Euro (€4,500) bħala depożitu meta tah l-inkarigu. Minkejja dan, wara li istitwixxa dawn il-proċeduri, l-appellant baqa' jinsisti li huwa kien għad kellu jirċievi l-prezz sħiħ miftiehem mal-appellat ta' €11,500, u kien biss fir-risposti li ta in kontroeżami li l-appellant ammetta li huwa kien għad fadallu jirċievi l-bilanċ bejn id-depożitu li ngħata, u l-prezz miftiehem bejn il-partijiet oriġinarjament, jiġifieri d-differenza ta' €7,000 u mhux il-€11,500 li huwa semma fir-rikors tiegħu. L-appellant spjega li huwa għamel tajjeb għal diversi spejjeż relatati mal-ħruġ tal-permess, fosthom ħlasijiet lil professjonisti bħal periti u avukati, u l-appellat ma kien ser ikollu joħroġ l-ebda spejjeż oħra għajr għal dawk li ftiehmu dwarhom il-partijiet. Minn dak li rriżulta quddiem l-Ewwel Qorti, mhux ċar lanqas x'kien is-servizz li kellu

jippresta l-appellant lill-appellat, għaliex filwaqt li l-appellant ta l-impressjoni li huwa kien involut biss biex jingaġġa persuni professjonali li setgħu jassistu lill-appellat, l-appellat fix-xhieda tiegħu spjega li huwa kien inkariga lill-appellant biex dan permezz tal-ħbiberiji u l-kuntatti li kellu, jgħinu jikseb il-permess meħtieġ fi żmien ferm aqsar minn dak li normalment jieħu proċeduri bħal dawn. Imma l-appellat kien jaf li l-proċess 'normali' għall-kisba ta' permess bħal dan idum ferm aktar minn xahrejn. Mill-provi jirriżulta wkoll li minkejja li l-appellant kellu jippreżenta kopji ta' rċevuti għal ħlasijiet li huwa jgħid li għamel lil terzi sabiex ikun jista' jiffaċilita l-kisba ta' dan il-permess, tali provi dokumentarji baqgħu ma ġewx prodotti, u għalhekk inħoloq dubju serju dwar jekk l-appellant fil-fatt ipprestax imqar parti mis-servizzi mwegħda lill-appellat, għaliex mill-provi jirriżulta wkoll li kien l-appellat li rsista u qabad numru ta' professjonisti jgħinuh biex dan il-permess seta' jinħareġ. Mix-xhieda tal-Perit Daniel Grima quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta wkoll li għal żmien twil huwa kien jattendi għas-seduti tal-Awtorità tal-Ippjanar waħdu, jew inkella akkumpanjat mill-konsulent legali tal-appellat, mingħajr l-assistenza tal-appellant u mhux fuq inkarigu tiegħu. L-appellat xehed li parti sostanzjali mix-xogħol meħtieġ, kien sar minnu, u huwa saħansitra għamel diversi spejjeż in konnessjoni mal-proċeduri għall-kisba tal-permess. L-appellant spjega li minkejja li huwa ttermina l-inkarigu tal-appellant f'Marzu tal-2015, il-permess relattiv ħareġ f'Ġunju tal-2016, jiġifieri erba' snin wara li ġie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet. L-appellat xehed ukoll li wara li ħallas id-depożitu lill-appellant, huwa pprova jikkomunika miegħu diversi drabi, iżda dan beda jinjorah jew jaħarbu. Mill-korrispondenza esebita jirriżulta li l-appellat għamel diversi tentattivi biex jikkomunika mal-appellant,

anki billi stiednu jmur għandu fl-uffiċċju tiegħu sabiex jitkellmu dwar dan l-inkarigu.

18. Imma hawnhekk din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, trid tesprimi l-preokkupazzjoni tagħha dwar il-*causa* tal-ftehim bejn il-partijiet. Jirriżulta li l-appellat kien avviċina lill-appellant wara li sema' mingħand diversi persuni li dan seta' jintervjeni b'xi mod fix-xogħol ta' awtorità pubblika u jgħinu jikseb permess tal-ippjanar fi żmien relattivament qasir. L-appellat, minflok ma ħa ħsieb jingaġġa persuni professjonali tal-fiduċja tiegħu sabiex jassistuh, u probabbilment anki għaliex ried ikun kopert b'permess biex ikun jista' jkompli xogħol li jirriżulta li kien diġà beda jagħmel mingħajr permess, avviċina lill-appellant, tah somma flus u stenna li dan jiffaċilita l-kisba tal-permess tal-ippjanar relattiv. It-terminu ta' xahrejn meta kellu jiġi konkluż dan l-inkarigu, u li xehed dwaru l-appellat, ma jirriżultax mill-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet. Imma mix-xhieda mogħtija mill-appellat, jirriżulta li dan fittex l-għajnuna ta' xi ħadd li seta' jgħinu jħaffef il-proċess fil-kisba tal-permess. L-appellat fehem li biex seta' jsir dan, kienu ser isiru xi atti illeċiti jew li jmorru kontra l-ordni pubbliku, tant hu hekk li fit-taħdidiet li kellu mal-appellant kien staqsieh jekk il-fatt li ssejħet elezzjoni kienx ser ikun ta' xkiel, u quddiem l-Ewwel Qorti xehed li l-appellant kien assigurah li dan il-fatt ma kienx ser ikun problema, anzi l-affarijiet kienu ser jimxu aktar malajr. Il-partijiet it-tnejn li huma kienu jafu li l-*causa* tal-ftehim li kellhom bejniethom la kienet servizz professjonali u lanqas servizz leċitu, għaliex meta l-affarijiet isiru kif għandhom isiru m'hemmx il-ħtieġa li jitqabbad *middle-man* biex jinkseb permess minn awtorità pubblika. Il-Qorti tirrileva li l-appellat stess qal quddiem l-Ewwel Qorti, li wara dan l-

episodju, huwa rrealizza li "dawn l-affarijiet ma jsirux", għalkemm donnu ntebaħ b'dan wara li kien inkariga nies professjonali u ħalla l-affarijiet jieħdu l-kors naturali tagħhom biex setgħu jiġu konklużi.

19. Il-Qorti tqis li l-appellant ipproċeda quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jittenta jesegwixxi obbligazzjoni mniġġsa mit-turpitudni tiegħu stess. F'sentenza fl-ismijiet **Ian Pecorella *vs.* Sovereign Caterers Limited u Ronald Azzopardi**[1], il-Qorti kitbet:

> "In tema legali jiġi osservat li hu paċifiku fil-ġurisprudenza li hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula b'kawża illeċita u l-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess ġenerali."

Il-Qorti tqis li hija m'għandhiex għalfejn tapprofondixxi aktar dwar dan il-punt. Huwa mill-aktar ovvju li dak li ftiehmu dwaru l-partijiet imur kontra l-interess ġenerali, għaliex allaħares ngħixu f'soċjetà fejn sabiex tikseb permess mingħand awtorità pubblika, hemm il-ħtieġa li tingaġġa s-servizzi ta' sensar jew *middle-man* li joffri bi ħlas l-użu tal-'kuntatti' u 'l-ħbiberiji' tiegħu biex jinkisbu permessi tal-ippjanar. Dan f'kuntest fejn il-ħruġ ta' permessi tal-ippjanar jaqa' fl-ambitu tad-doveri ta' uffiċjali pubbliċi li huma mħallsa mill-erarju pubbliku biex jagħtu servizz liċ-ċittadin, mingħajr il-ħtieġa tal-ebda intervent minn ebda *middle-man*. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qiegħda taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, li l-*causa* tal-kuntratt mertu ta' dawn il-proċeduri kienet waħda illeċita, u l-appellant għalhekk m'għandu l-ebda jedd

---

[1] Q. A. (Sup.), 03. 03. 2012.

għall-ħlas pretiż minnu. Tqis għalhekk li l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-aggravju sollevat mill-appellant u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**